MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 624/2006/1

**Avviz Nru: 624/2006/VGD**

**Attard & Co (Industrial) Limited C-16734**

**vs**

**Adrian Salamone u b'digriet tat-30 ta' Marzu 2007 giet awtorizzata korrezzjoni sabiex il-kunjom Salamone jinbidel ghal 'Salomone'**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-28 ta' Ottubru 2010 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kundannat ihallasha s-somma ta'*

*mitejn u sebghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm270.34), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi preliminarjament kunjom il-konvenut huwa Salomone u mhux Salamone u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni; (ii) illi preliminarjament it-talba attrici hija intempestiva ghax il-konvenut kien interpellat permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2006 u spjega kjarament is-sitwazzjoni u baqa' jistenna risposta mill-attrici, liema attrici ma rrispondiet xejn u minflok qabdet u fethet il-kawza bla preavviz ta' xejn. Ghalhekk ukoll u fi kwalunkwe kaz il-konvenut m'ghandux ibghati l-ispejjes ta' din il-procedura; (iii) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (iv) illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attrici ghax il-prodott ikkonsenjat minnha ma kienx jiswa ghall-iskopijiet li ghalih inbiegh u assolutament ma kienx tal-kwalita' pattwita, anzi l-prodott kien agent ta' danni fil-fond tal-konvenut ghal liema danni qieghda tigi pprezentata l-annessa kontro-talba; (v) illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, jekk hemm xi hlas li ghandu jsir lill-attrici, dan ghandu jigi pacut ma dak li ghandha taghti lill-konvenut, is-socjeta' attrici. Bl-ispejjes kontra l-attrici, u salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ra l-kontro-talba tal-konvenut li talab illi l-attrici tigi kkundannata thallas danni lill-konvenut fir-rigward ta' xoghlijiet u xirjiet necessarji sabiex il-hitan tal-fond tieghu illi fuqhom intuza z-zebgha tal-attrici b'rizultati dizastruzi jigu ttrattati mill-gdid bl-inkonvenjenzi kollha li dan igib mieghu. L-attrici giet interpellata b'ittra izda m'ghamlet xejn. Ghall-iskop ta' kompetenza, jigi dikjarat li t-talba ma teccedix l-ammont ta' Lm1,500. Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tal-ittra kontra l-attrici ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut, li eccepiet illi l-kontro-talba ghandha tigi michuda stante li (i) preliminarjament il-kontro-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet*

*ta' Malta; (ii) illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu, s-socjeta' attrici mhix responsabbli ghall-allegati danni anki minhabba l-fatt li ma kenitx hi li ghamlet ix-xoghlijiet; (iii) illi l-prodott mibjugh mill-attrici ma kienx affett minn difett jew nuqqasijiet; (iv) illi l-kuntratt bejn il-partijiet kien kuntratt ta' bejgh u kwalunkwe azzjoni tal-konvenut a bazi tal-kuntratt huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Kopja Ligijiet ta' Malta; (v) illi l-kwantum tad-danni ghandu jigi ppruvat mill-konvenut. Bl-ispejjes.*

*Ra n-nota tal-konvenut li biha huwa ecepixxa ulterjorment illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Sema' x-xhieda ta' Patrick Spiteri Staines prodott mis-socjeta' attrici.*

*Sema' x-xhieda ta' Simon Zammit prodott mill-konvenut.*

*Sema' x-xhieda tal-konvenut Adrian Salomone.*

*Sema' x-xhieda ta' Stephen Magri prodott mill-konvenut.*

*Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza.*

*Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.*

***Ikkunsidra.***

*Illi l-kawza odjerna tikkoncerna fl-ewwel lok talba ghall-hlas ta' prodott mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut, u fit-tieni lok, kontro-talba tal-konvenut ghall-hlas*
*ta' danni da parti tas-socjeta' attrici, liema danni gew allegatament ikkagunati minn prodott difettuz.*

*Illi qabel ma jghaddi sabiex jezamina l-mertu tal-kaz odjern, it-Tribunal ser jittratta t-tliet eccezzjonijiet separati ta' preskrizzjoni, kif sollevati mill-partijiet.*

*Fl-ewwel lok, permezz ta' nota tieghu, il-konvenut ressaq eccezzjoni ulterjuri fejn ecepixxa illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont dan l-artikolu, l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.*

*Illi minn ezami tal-provi prodotti, u partikolarment mid-Dokument 'PSS 2' (a fol. 24 tal-process), li gie esebit mix-xhud Patrick Spiteri Staines, jidher li l-prodott in kwistjoni kien gie mibjugh u kkonsenjat f'Dicembru tas-sena 2003. Ma jirrizultax illi s-socjeta' attrici hadet xi passi skont il-ligi sabiex tinterrompi jew tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni. Jirrizulta li l-kawza giet ipprezentata mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Lulju 2006, u cioe sentejn u nofs wara l-bejgh tal-prodott in kwistjoni.*

*Illi madankollu, permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar 2006, li giet mibghuta mill-konvenut stess lis-socjeta' attrici, filwaqt li huwa jilmenta dwar il-prodott mibjugh lilu, l-konvenut jghid testwalment hekk kif gej:- 'I am prepared to settle this account amicably and would be happy to meet any of your competent staff members on site so as to address the issue and see the walls for themselves.'*

*Illi din l-istqarrija tikkostitwixxi fiha nfusha ammissjoni li l-ammont mitlub huwa fil-fatt dovut, u ghalhekk tirrizulta f'interruzzjoni tal-perjodu preskrittiv. Ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma tistax tigi milqugha.*

*Illi fir-risposta taghha ghall-kontro-talba tal-konvenut, is-socjeta' attrici resqet zewg eccezzjonijiet separati ta' preskrizzjoni. L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-kontro-talba hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess artikolu jiddisponi hekk kif gej:- 'L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.'*

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-danni fil-hajt tal-konvenut bdew jimmanifestaw ruhhom xi ftit gimghat wara li sar ix-xoghol. Madankollu alavolja jirrizulta li l-materjal inxtara fl-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2003, mkien ma jirrizulta bl-ezatt meta tlesta x-xoghol u b'hekk meta bdew jimmanifestaw ruhhom id-danni in kwistjoni. Huwa ovvja li l-terminu tal-preskrizzjoni bijennali jibda jiddekorri mid-data meta wiehed jinduna bid-danni, izda hadd mix-xhieda ma ta indikazzjoni preciza ta' dan. Kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tressaq tali prova, gjaladarba din l-eccezzjoni giet sollevata minnha stess. Fin-nuqqas, u peress li t-Tribunal mhux sodisfatt li s-socjeta' attrici ssostanzjat din l-eccezzjoni bi provi sodisfacenti, l-istess eccezzjoni qed tigi michuda.*

*Illi fl-ahharnett, is-socjeta' attrici, fir-raba' eccezzjoni taghha ghall-kontro-talba eccepiet illi l-kuntratt bejn il-partijiet kien kuntratt ta' bejgh u kwalunkwe azzjoni tal-konvenut a bazi tal-kuntratt huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijet ta' Malta. L-istess artikolu jiddisponi hekk kif gej:-*

*'L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegh ghaz-zieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerga lura mill-kuntratt, tintilef b'eghluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt.'*

*It-Tribunal jidhirlu li c-cirkostanzi kontemplati fil-kawza odjerna ma jinkwadrawx ruhhom fl-artikolu fuq citat, u ghalhekk dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami. Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda.*

*Illi fil-mertu, l-fatti tal-kaz in ezami huma s-segwenti:-*

*L-ewwel nett hawnhekk si tratta ta' bejgh u konsenja ta' materjal partikolari li jintuza ghall-kisi ta' hitan li jkunu qeghdin ibatu minn problemi ta' umdita'. Fil-fatt l-iskop ta' dan il-materjal huwa proprju sabiex ihalli l-umdita' tghaddi minn gol-hajt ghall-barra u b'hekk il-hajt ma jzommx umdita' go fih. Il-materjal huwa partikolari wkoll ghaliex*

*jirrikjedi li wiehed isegwi sew l-istruzzjoni meta jigi biex japplikah.*

*Jirrizulta li l-konvenut kien qabbad lill-certu Steve Magri sabiex jixtri dan il-prodott ghall-uzu fid-dar personali tieghu. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici kienet bieghet il-prodott u bl-ebda mod ma kienet involuta fl-uzu u tqeghid tal-materjal fil-proprjeta' tal-konvenut, u lanqas ma kienet giet ikkonsultata dwar dan. Ta' min isemmi pero` li l-istruzzjonijiet tal-uzu tal-materjal jinsabu miktubin fuq il-konfezzjoni tal-prodott stess. Hareg car mill-provi li l-materjal in kwistjoni jaghti rizultati tajbin biss jekk jigi applikat skont l-istruzzjonijiet u skont kif suppost.*

*Illi x-xhud Patrick Spiteri Staines li jokkupa l-kariga ta' Sales and Marketing Manager mas-socjeta' attrici, u li mar jara l-hajt fid-dar tal-konvenut fejn gie applikat il-materjal, esprima d-dubji tieghu dwar l-applikazzjoni tal-materjal. Huwa xehed dwar id-diversi dubji li kellu fir-rigward tat-tqeghid tal-materjal, dwar il-hxuna tal-materjal applikat fuq il-hajt, dwar il-preparazzjoni tal-hajt qabel l-applikazzjoni tal-materjal, kif ukoll dwar iz-zebgha li giet applikata fuq il-materjal. Skond ix-xhud, il-materjal in kwistjoni ma kellu l-ebda difetti, izda x-xoghol ta' tqeghid ma kienx sar sew u ghalhekk irrizultaw il-problemi.*

*L-istess xhud spjega li s-socjeta' attrici kienet hadet 'sample test' tal-materjal li ntuza mill-konvenut u wara li ghamlet xi testijiet ma rrizulta l-ebda difett. Lanqas ma rceviet xi ilmenti minn klijenti ohrajn li kienu xtraw parti mill-istess 'batch' tal-materjal li xtara l-konvenut.*

*Min-naha tieghu l-konvenut ipproduca bhala xhud lil certu Simon Zammit li kien proprju l-persuna li ghamel ix-xoghol ta' kisi u uza l-materjal in kwistjoni. Skont hu, ix-xoghol sar sew u kif suppost u gara li gara peress li seta' kien materjal maqtuh jew skadut. Ix-xhud spjega li huwa kien jaf kif kellu jintuza l-materjal u li din ma kenitx l-ewwel darba li kien uzah. Huwa kkonferma li l-materjal kien xtrah cerut Steve Magri u li huwa personalment ma nghata l-ebda struzzjonijiet minghand is-socjeta' attrici dwar kif kellu jintuza l-materjal. Ix-xhud kien prezenti meta gie r-*

*rapprezentant tas-socjeta' attrici sabiex jispezzjona l-hajt, izda skont hu ma sarux testijiet sabiex jigi spezzjonat ix-xoghol. Zammit spjega li sabiex isir x-xoghol mill-gdid hemm spiza ta' madwar tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) eskluz il-prezz tax-xiri tal-prodott mill-gdid.*

*Mbaghad il-konvenut fix-xhieda minnu moghtija, spjega li huwa kien qabbad lil certu Steve Magri bhala 'turnkey contractor' sabiex jaghmillu xi xoghol fid-dar, liema xoghol kien jinkludi wkoll il-kisi tal-hajt in kwistjoni. Kien Magri li ghazel il-prodott li kellu jintuza u kien hu li spjega lil Simon Zammit (u cioe l-bajjad) x'kellu jsir u kif kellu jintuza l-prodott. Skont il-konvenut il-hajt beda jitfarfar u jitqaxxar xi xahrejn wara li sar ix-xoghol ta' kisi, u ghalhekk huwa mill-ewwel cempel lil Patrick Spiteri Staines sabiex jilmenta mieghu dwar il-prodott mixtri minnu. Huwa kien laqqa lil Spiteri Staines u l-bajjad tieghu Simon Zammit ghandu sabiex jaraw u jiddiskutu l-problema tal-hajt u wara li Spiteri Staines ghamel xi domandi lill-bajjad, kien informa lill-konvenut li kellu jiccekkja ftit dwar il-prodott peress li ma kien ircieva l-ebda ilmenti ohrajn minghand nies ohra li kienu xtraw il-prodott.*

*Il-konvenut spjega li huwa dejjem ikkontesta l-kont mibghut lilu mis-socjeta' attrici, u li kien lest ihallas biss jekk ix-xoghol jitnehha u jsir mill-gdid peress li ma kienx lest li jhallas ghal prodott difettuz. Huwa spjega wkoll li l-materjal kien gie maghzul minn Stephen Magri u li huwa ma kienx prezenti meta Magri mar jixtri l-prodott.*

*Ix-xhud Stephen Magri min-naha tieghu spjega li huwa gieli kien hadem bil-prodott in kwistjoni fi djar ohra qabel ma uza l-prodott fid-dar tal-konvenut, u dejjem kellu success. Spjega wkoll li l-ewwel darba li mar jixtri l-prodott kien inghata struzzjonijiet dettaljati u specifici dwar kif ghandu jintuza l-prodott minn Patrick Spiteri Staines. Skont dak li fehem, l-izjed haga importanti fit-tqeghid tal-materjal kien kemm wiehed ghandu jgholi bil-kisi u mhux il-hxuna tal-kisi.*

*Skont ix-xhud Magri, Patrick Spiteri Staines kien spjega kif kellu jsir ix-xoghol kemm lilu kif ukoll lil Simon Zammit*

*f'okkazzjoni precedenti meta Magri kien ser juza l-materjal ghall-ewwel darba. Meta l-konvenut ilmenta dwar il-hajt in kwistjoni tieghu, Magri kien mar sabiex jara l-hsara. Huwa spjega li ma setax ikun cert ghaliex gara dak li gara. Skont hu l-ispiza sabiex ix-xoghol isir mill-gdid jammonta ghal madwar erba' mitt lira Maltin (Lm400), apparti l-ispiza sabiex il-materjal jinxtara mill-gdid.*

*Fl-ahharnett, Magri spjega wkoll li meta mar fil-hanut tas-socjeta' attrici huwa ma talab l-ebda parir dwar liema prodott ghandu bzonn juza izda mill-ewwel ordna l-materjal*
*in kwistjoni ghaliex dak kien il-prodott li ried.*

*Illi wara li ha konjizzjoni ta' dan kollu, kif ukoll tal-provi dokumentarji, it-Tribunal ghandu s-segwenti osservazzjonijiet x'jaghmel.*

*Fl-ewwel lok, ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li wara li sar ix-xoghol in kwistjoni, zviluppaw xi problemi fil-hajt tal-konvenut, fis-sens li dan beda jitfarfar. B'hekk huwa car li jew il-prodott ma kienx wiehed tajjeb, jew inkella x-xoghol ta' tqeghid u kisi ma sarx sew. Li hu zgur huwa li ma hemm xejn li jista' jwassal lil dan it-Tribunal sabiex jikkonkludi b'certezza li l-prodott kien hazin, u cioe` maqtuh jew skadut, jew difettuz. Wara kollox daqs kemm wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li l-prodott ma kienx tajjeb, jista' jasal ukoll ghall-konkluzjoni li x-xoghol ta' kisi ma sarx kif suppost. In vista ta' dan id-dubju, li bl-ebda mod ma gie eliminat permezz tal-provi, it-Tribunal ma jistax ikun konvint li l-problemi fil-hajt tal-konvenut irrizultaw minhabba kwalita' hazina tal-prodott in kwistjoni.*

*Li hu zgur huwa li s-socjeta' attrici bieghet il-prodott in kwistjoni, u ma kenitx involuta fit-tqeghid tal-istess fid-dar tal-konvenut. Lanqas ma kellha xi element ta' kontroll fuq ix-xoghol li kien qieghed isir, jew xi involviment kwalsiasi. Ghalhekk huwa ghal kollox impossibbli li dan it-Tribunal jattribwixxi r-responsabbilta' ta' dak li rrizulta, lis-socjeta' attrici, meta huwa car li jezistu fatturi ohra, barra mill-kontroll tas-socjeta' attrici li setghu jikkontribbwixxu ghad-danni li rrizultaw.*

*Illi mbaghad, fir-rigward tal-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-intempestivita' tal-azzjoni, it-Tribunal jidhirlu li din hija ghal kollox insostenibbli. Huwa car li s-socjeta' attrici kienet interpellat lill-konvenut sabiex jersaq ghall-hlas, u meta kien jidher car li l-konvenut ma kienx bi hsiebu jhallas minhabba l-ilmenti li kellu, s-socjeta' attrici ghazlet li tibda l-proceduri odjerni, haga li kellha kull dritt li taghmel.*

*Illi in vista ta' dan kollu, it-Tribunal jidhirlu li t-talba attrici ghall-hlas ghandha tigi milqugha filwaqt li l-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi michuda.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi:-*

*(i) Jichad it-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-konvenut u jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija, disgha u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€629.72), ekwivalenti ghal Lm270.34, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz; u*

*(ii) Jichad l-ewwel u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut; u*

*(iii) Jilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut u konsegwentement jichad il-kontro-talba tal-konvenut.*

*(iv) L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut rikonvenzjonanti Adrian Salomone datat 15 ta' Novembru 2010 a fol 1 tal-process fejn ghar-ragunijiet hemm premessi talbet li l-istess decizjoni tigi revokata ghar-ragunijiet hemm premessi.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta ta' Attard & Co (Industrial) Limited ghall-appell ta' Adrian Salomone datata 7 ta' Dicembru 2010 a fol 17 ta' process fejn talbet li l-appell interpost ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti fit-23 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie diferit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal fl-ismijiet premessi datata 28 ta' Ottubru 2010.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-aggravji tal-appellant huma (a) li l-eccezzjoni a bazi tal-**artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16** ghandha tigi milqugha ghaliex meta t-Tribunal irritjena li l-ittra tal-14 ta' Frar 2006 kienet tikkostitwixxi interruzzjoni ta' preskrizzjoni, din kienet zbaljata peress li la darba l-materjal inxtara f'Dicembru 2003 u l-kawza kienet infethet fl-24 ta' Lulju 2006, mela allura ma jistax jinghad li l-perjodu ta' preskrizzjoni kien interott; dan apparti li tali ittra ma tistax titqies bhala ammissjoni u anke jekk tali ittra ma tistax titqies bhala rinunzja u dan ghaliex ma hijiex espressa u lanqas inekwivoka (**"Pio Cellini vs Maria Concetta Francesca et"** A.C. – 16 ta' Dicembru 1918 (Vol. XXIII.i.720); (b) kellha tintlaqa` l-kontro-talba ghaliex fuq bazi ta' probabilita` gew ippruvati d-danni kkawzati bl-uzu tal-istess prodott; (c) illi l-ispejjez ma kellhomx jigu sopportati mill-appellant odjern.

Illi dwar dan, din il-Qorti thoss li fil-fatt l-ittra tal-14 ta' Frar 2006 tammonta ghar-rinunzja ta' preskrizzjoni u dan stante li fiha hemm ammissjoni li kien hemm bejgh ta' prodott u li l-ammont huwa dovut; ma giex imhallas minhabba allegazzjoni li l-prodott ma kienx skond il-kwalita' pattwita, izda certament li tali ittra u rikonoxximent mill-appellant huwa nkonsistenti mal-eccezzjoni ta'

preskrizzjoni; mhux hekk biss, izda jinghad ukoll li l-hames eccezzjoni tal-konvenut appellat, fejn huwa ecceppixxa li fi kwalunkwe kaz l-ammont huwa pacut ma` ammont li kien huwa qed jirriklama bhala danni minhabba l-hsara allegatament ikkawzata mill-istess prodott u dan permezz tal-kontro-talba minnu prezentata, hija nkompatibbli mal-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni, ghaliex it-tpacija fiha nfisha tirrikonoxxi l-ezentenza jekk mhux l-ammissjoni ta’ kreditu u dan kif gie ritenut fis-sentenzi **“Marianna Spiteri et vs Joseph Vella”** (P.A. (AJM) 3 ta’ Mejju 2003) u**“HSBC Bank Malta Ltd. vs Lapsi Holdings Limited”** (P.A. (RCP) - 29 ta’ Novembru 2006). Illi ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li din il-Qorti thoss li l-kontro-talba ma tistax tirnexxi u dan peress li giet prezentata bhala azzjoni ta’ danni meta l-azzjoni li kienet disponibbli lill-appellant kienet dik redibitoria jew estimatorja skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1429 tal-Kap. 16** u mhux dik ta’ danni u dan kif ritenut fis-sentenza **“Bartolomeo Micallef vs JCR Limited et”** (P.A. (RCP) - 29 ta’ Jannar 2009) fejn saret riferenza ghall-gurisprudenza prevalenti fuq dan il-punt. B’hekk il-kontro-talba tal-appellant kif imposta qatt ma setghet tirnexxi peress li ma hijiex guridikament proponibbli. Huwa wkoll ovvju li tali azzjonijiet dwar difett latenti huma preskritti f’terminu ta’ sitt xhur jew sena skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1431 (1) u (2) tal-Kap. 16** u allura tali azzjoni da parte tal-appellant anke kieku proposta kienet tkun preskritta.

Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument dan jigi skartat ghall-mument, l-aggravju tal-appellant jikkonsisti allura f’apprezzament ta’ provi da parte tat-Tribunal, li l-Qorti tal-Appell mhux normalment tiddisturba sakemm ma jkunx hemm zball ovvju jew konkluzjoni li abbazi tal-provi prodotti l-istess Tribunal qatt ma seta` jasal ghaliha. Certament li minn ezami tal-provi prodotti dan mhux il-kaz u jidher li l-istess Tribunal uza id-diskrezzjoni tieghu ghall-apprezzament tal-provi fil-limiti tal-rizultanzi processwali quddiemu, b’dan li jista’ jinghad li l-istess Tribunal agixxa fil-parametri li kienu disponibbli ghalih f’dak li huwa

evalwazzjoni ta' provi. Fil-fatt din il-Qorti thoss li ma hemm ebda prova li l-prodott mibjugh kien difettuz, u ghalhek din il-Qorti taqbel mal-istess Tribunal, li fi kwalunkwe kaz (in vista tal-principji legali fuq esposti) l-appellant ma ssodisfax l-oneru tieghu ta' prova fir-rigward tal-kontro-talba tieghu u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi l-ahhar aggravju dwar l-ispejjez huwa kompletament bla bazi ghaliex la darba giet milqugha t-talba attrici u giet michuda l-kontro-talba tal-konvenut, huwa naturali li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-appellanti sokkombenti. Ghalhekk anke dan it-tielet aggravju qed jigi michud.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi michud fit-totalita' tieghu.

<u>**III. KONKLUZJONI.**</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjeta' appellata datata 7 ta' Dicembru 2010 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Adrian Salomone fir-rikors tal-appell tieghu datat 15 ta' Novembru 2010 u dan ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Attard & Co. (Industrial) Limited vs Adrian Salamone u b'digriet tat-30 ta' Marzu 2007 giet awtorizzata korrezzjoni sabiex il-kunjom Salamone jinbidel ghal 'Salomone'" (Avviz 624/2006VGD) datata 28 ta' Ottubru 2010 ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Adrian Salomone.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------